MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 289/2011

**Maria Rema Camilleri Azzopardi (I.D. Card Numru 136279M)**

**Vs**

**Sanjomar Trading Limited (C-28458)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mill-attrici permezz ta' liema titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' tmint elef sitt mija u sitta u erbghin Euro u disgha u sittin centezmu (€8,646.69), dovuta mill-istess socjetà konvenuta inkwantu ghal €8,043.19 rapprezentanti arretrati ta' kera in konnessjoni mal-fond maghruf bl-isem JPA, f'Canon Road, Qormi, u inkwantu ghal €603.50 rapprezentanti imghax dovut mill-iskadenzi relattivi sad-data tal-prezentata tar-Rikors, bl-imghax legali ulterjuri dekoribbli mid-data tal-prezentata tar-Rikors u bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali ta' l-20 ta'

Dicembru 2010 u ta’ l-1 ta’ Awwissu 2011, kontra s-socjetà konvenuta;

Rat li mill-atti jirrizulta li s-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bir-Rikors promotur u bl-avviz ta’ l-appuntament izda ma pprezentatx Risposta ghat-talbiet attrici ;

Rat in-Nota pprezentata mis-socjetà konvenuta waqt is-seduta tal-21 ta’ Novembru 2011 permezz ta’ liema l-istess socjetà ammettiet it-talbiet attrici ;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza ;

**Ikkunsidrat :**

Bl-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ €8,043.19 rapprezentanti arretrati ta’ kera in konnessjoni mal-fond maghruf bl-isem JPA, f’Canon Road, Qormi, u s-somma ta’ €603.50 rapprezentanti imghax dovut mill-iskadenzi relattivi sad-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, flimkien ma’ l-imghax legali ulterjuri fuq l-arretrati ta’ kera dekoribbli mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur sad-data ta’ l-effettiv pagament u l-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 20 ta’ Dicembru 2010 u l-1 ta’ Awwissu 2011, rispettivament.

Permezz ta’ Nota pprezentata fil-21 ta’ Novembru 2011 is-socjetà konvenuta ammettiet it-talbiet attrici.

Fid-dawl ta’ tali Nota ta’ Ammissjoni ghalhekk, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attrici s-somma €8,043.19 rapprezentanti arretrati ta’ kera in konnessjoni mal-fond maghruf bl-isem JPA, f’Canon Road, Qormi u s-somma ta’ €603.50 rapprezentanti imghax dovut mill-iskadenzi relattivi sad-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, bl-imghax legali ulterjuri fuq l-iskadenzi ta’ kera dekoribbli mit-2 ta’ Settembru 2011 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ittri ufficjali datati 20 ta’ Dicembru 2010 u l-1 ta’ Awwissu 2011, jibqghu a karigu tas-socjetà konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------